**INBIDDLU R-ROTTA TAL-EWROPA**

Dinja mibnija fuq il-paċi, is-solidarjetà u l-ġustizzja tistenna aktar minn Ewropa msejsa fuq il-paċi, is-solidarjetà u l-ġustizzja. Minkejja dan, l-Unjoni Ewropea qed tissogra li tispiċċa fix-xejn minħabba żbalji gravi politiċi u ta' strateġija ekonomika, minħabba n-nuqqasijiet tal-istituzzjonijiet tagħha u n-nuqqas ta' demokrazija. Inbnew ħitan bil-briks tal-egoiżmi nazzjonali li qed joħonqu l-idea tal-Ewropa u d-dritt taċ-ċittadini għall-moviment ħieles. B'dan il-mod, id-Dar Komuni Ewropea, proposta fil-Manifest ta' Ventotene, li tgħaqqad il-perspettiva ta' stat federali mad-demokrazija Ewropea, kif ukoll mal-paċi u l-ġlieda kontra l-inugwaljanza, qed titmermer. B'dan il-mod, it-tamiet ta' miljuni ta' Ewropej qed jinqerdu.

Fl-aħħar għaxar snin, il-politika tal-awsterità mblokkat l-investiment fl-ekonomija reali, kabbret l-inugwaljanzi, ħolqot l-inċertezzi u l-prekarjat, u żmantellat il-mudell soċjali Ewropew.

L-Ewropa għandha tkun l-art tad-drittijiet, tal-benesseri, il-kultura u l-innovazzjoni. Mill-aħjar kapitli tal-istorja tagħha u t-traġedji li seħħew, l-Ewropa suppost li tgħallmet il-valuri tal-paċi, l-ospitalità, l-ugwaljanza u l-ko-eżistenza.

Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tikkonfronta l-isfidi l-kbar ta' din l-epoka li għaddejjin minnha biex terġa trodd lura l-idea tal-Ewropa, it-tama fil-ġid tas-soċjetà kollha, il-qawwa tad-drittijiet u s-solidarjetà. Hu indispensabbli u urġenti li nerġgħu nagħtu tifsir lill-politika biex inneħħu l-inugwaljanzi billi nwaqqfu l-politika tal-awsterità u dak kollu li wassal għaliha, billi noħolqu mill-ġdid l-għaqda soċjali u territorjali, billi nagħtu priorità lill-ambjent bħala mutur u lieva ta' mudell ta' żvilupp differenti mibni fuq il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u it-tneħħijja ta' dak li għadu jifred il-ġenerazzjonijiet u jaqsam il-ġeneri. Dan jista' jseħħ billi niffavorixxu il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva permezz ta' sistema tal-benesseri Ewropea, billi ngħidu "le" għall-gwerra u nfittxu l-ħarsien tad-drittijiet, niggarantixxu li r-refuġjati jintlaqgħu sew kif ukoll il-libertà tal-emigrazzjoni, billi nimpenjaw irwieħna li nsolvu l-problemi globali li jwasslu għall-emigrazzjoni.

Jeħtieġ demokrazija Ewropea fejn is-sovranità tkun tan-nisa u l-irġiel li jeleġġu gvern federali responsabbli lejn il-Parlament Ewropew.

Għal dawn ir-raġunjiet bi ħsiebna nieħdu azzjoni sabiex fil-25 ta' Marzu 2017 titnieda fażi ġdida kostitwenti biex tegħleb ir-regola li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'unanimità, azzjoni li ssieħeb lill-komunitajiet lokali, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, movimenti mis-soċjetà ċivili u rappreżentanti taċ-ċittadini f'livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew, biex din il-fażi ġdida tkun tista tintemm fl-okkażjoni tal-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew li se ssir fir-rebbiegħa tal-2019. Għal din ir-raġuni, iddeċidejna li nħeġġu mobilizzazzjoni tal-għeruq (grassroots) fil-25 ta' Marzu 2017, f' Ruma, biex iħeġġu inizjattivi simili f'ibliet oħra Ewropej.